# FIL-QORTI ĊIVILI
# SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum, l-Erbgħa, 30 ta' Lulju, 2025**

**RIKORS NRU: 342/2017/1 ISB**

**Rikors maħluf numru 342/2017 fl-atti tar-rikors numru 642/2012:**

**Suzanne Busuttil et**

**Vs**

**Francis Busuttil & Sons Limited (C334) et**

**Il-Qorti:**

Rat dak verbalizzat fis-seduta tas-16 ta' Ġunju 2025 fejn intqal hekk:

*Il-Qorti, in vista tad-divergenzi illi hemm bejn il-partijiet fil-mod ta' kif għanda tiġi stradata l-kawza, u aħjar dwar jekk il-proċeduri 642/2012 għandhomx jergġħu jinfetħu mill-ġdid, b'dan illi jergġħu jinstemgħu xhieda oltre' minn dawk li diġa' hemm u aktar minn hekk ex post id-deċiżjoni mpunjata, il-Qorti qegħda tistieden lid-difensuri kollha tal-partijiet sabiex sa zmien xahar mill-llum, b'nota qasira, jindikaw il-pożizzjoni tagħhom dwar kif għandha tiġi stradata din il-kawza, fid-dawl ukoll tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell u tat-talbiet u l-eċċezzjonijiet f'dawn il-proċeduri.*

*Il-Qorti qegħda tirrizerva illi tipprovdi permezz ta' diġriet, li jiġi komunikat lid-difensuri kollha tal-partijiet, il-mod kif dawn il-proċeduri ser jiġu stradat.*

Rat in-nota tar-rikorrenti Suzanne Busuttil et tal-10 ta' Lulju 2025;

Rat in-nota ta' Rebecca Darmanin Kissaun et tas-16 ta' Lulju 2025;

Rat in-nota ta' Francis Busuttil & Sons Limited et tas-16 ta' Lulju 2025:

Rat l-atti kollha;

**Ikkunsidrat:**

Illi dawn huma proċeduri mibdija b'rikors ġuramentat tat-18 ta' April 2017 u li permezz tagħhom ir-rikorrenti et qed jitolbu lill-Qorti sabiex ***tirrevoka contrario imperio u tħassar u tannulla d-diġrieti mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-6 ta' Mejju 2013 u fit-30 ta' Marzu 2017 fil-kawza 642/2012JZM u tħassar dawk l-ordnijiet kollha anċillari jew interlokutorji waqt is-smigħ, fejn l-esponenti ġew preklużi milli jressqu***

***prova jew jagħmlu domanda jew jitolbu dokumenti u tippermettihom, billi prevja li tiċħad l-eċċezzjonijiet u r-risposti ta' l-intimati, tirrevoka contrario imperio d-digrieti msemmija ta' din il-Qorti diversament preseduta u tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti fir-rikors promotur oriġinali u tagħti dawk id-direttivi li jidhrilha xierqa u opportuni***.

Illi b'sentenza tal-21 ta' Marzu 2019, din il-Qorti diversament preseduta iddeċidiet billi, għar-raġunijiet hemmekk mogħtija, ***tilqa' l-eċċezzjoni illi r-raġunijiet illi wasslu għat-talbiet attriċi kif magħmula mhux legalment sostenibbli fl-isfond ta' talba għal revoka minn provvediment taħt l-artikolu 402 tal-KAP 386 billi l-atturi qed jitolbu biss indaġni mill-gdid tal-provvedimenti mogħtija tas-6 ta' Mejju 2013 u fit-30 ta' Marzu 2017 li mhux permess f'dan il-kaz.***

Illi din is-sentenza ġiet appellata b'rikors quddiem il-Qorti tal-Appell tal-5 ta' April 2019.

Illi b'sentenza tal-20 ta' Marzu 2024, il-Qorti tal-Appell bagħtet lura l-atti quddiem din il-Qorti sabiex jitkompla s-smigħ u dan wara illi ddeċidiet hekk:

> ***9. Il-partijiet qegħdin jaqblu illi ma hemmx dritt ta' appell minn provvediment taħt l-art. 402. Dan mhux għax il-liġi espresament teskludi dak id-dritt iżda bis-saħħa ta' argument mibni fuq il-massima ubi voluit dixit għax fl-art. 402 tal-Kap. 386, li taħtu ngħata l-provvediment impunjat, ma hemmx disposizzjoni bħal dik tal-art. 401(17) li tagħti dritt ta' appell meta l-provvediment ikun ingħata taħt l-art. 401.***

*10. Hemm ukoll ġurisprudenza f'dan is-sens li tgħid illi l-ħsieb wara l-art 402 hu biex "jekk ikun hemm intopp fit-tmexxija tal-kumpannija jew tkun qed issir xi ħaġa bi ħsara ta' xi membru, tintalab soluzzjoni malajr mill-qorti, biex, wara li din titqiegħed fis-seħħ, il-kumpannija, jekk hu possibbli, tkompli miexja". (Ara Jonathan Shaw et v. David Alan Shaw et, App. 27 ta' Novembru 2009, u Antonia Baldacchino et v. Balda Enterprises Limited et, App. 19 ta' Jannar 2010.)*

*11. F'din l-aħħar silta, fil-fehma ta' din il-qorti, hemm is-soluzzjoni għall-kwistjoni tallum.*

*12. Il-liġi ma tridx li jkun hemm dritt ta' appell mhux għax trid illi provvedimenti taħt l-art. 402 jkunu finali, iżda għax ma tridx li tiġi stultifikata "soluzzjoni malajr" – li wkoll għalhekk tista' tkun wara stħarriġ prima facie – li tkun meħtieġa biex "il-kumpannija … tkompli miexja". Dan ma jfissirx illi, superat l-"intopp fit-tmexxija tal-kumpannija", ma tistax titfittex soluzzjoni aktar permanenti, ukoll, jekk meħtieġ, billi jitħassar il-provvediment li jkun ta "soluzzjoni malajr".*

*13. Is-soluzzjoni li jridu l-konvenuti – li l-provvediment ikun finali u ma jingħata ebda rimedju kontrieh – tkun perikoluża u tista' wkoll twassal għal inġustizzji. Biżżejjed jingħad illi taħt l-art. 402(3)(f) il-qorti għandha s-setgħa illi tagħti ordni illi "jipprovdi għall-ħlas ta' kumpens minn dik il-persuna li tista' tkun instabet responsabbli mill-qorti għal telf jew danni li jkunu ġġarrbu minħabba att jew nuqqas li dwaru jkun sar ilment lill-persuna li tkun ġarrbet dak it-telf jew danni". Dawn id-danni jistgħu jkunu sostanzjali. (Ara e.g. Miclis Company Ltd v. Kevin Fitzpatrick et, App. 12 ta'*

*Lulju 2023, rik. 5/2018). Huwa anti-ġuridiku li tgħid illi ma jingħatax rimedju lil min, sabiex tkun instabet "soluzzjoni malajr", jiġi ordnat iħallas danni sostanzjali.*

*14. Billi l-liġi ma tiddistingwix bejn provvediment mogħti taħt l-art. 402(3)(f) u ieħor mogħti taħt il-paragrafi l-oħra tal-art. 402(3), is-soluzzjoni għandha tkun l-istess: kull provvediment taħt l-art. 402 jista' jiġi impunjat fil-meritu, jekk mhux b'appell, bi proċeduri bħal dawk tallum.*

*15. Din il-qorti għalhekk taqbel mal-atturi appellanti illi hija ħażina d-deċiżjoni li tgħid illi provediment taħt l-art. 402 tal-Kap. 386 ma jistax jiġi impunjat fil-meritu, u tgħid, minflok, illi fil-proċeduri tallum l-atturi jistgħu jimpunjaw il-provvediment tat-30 ta' Marzu 2017 mhux biss fil-paramentri msemmija fis-sentenza appellata iżda wkoll fil-meritu.*

*16. Billi sejjer jintlaqa' l-ewwel aggravju ma huwiex meħtieġ li l-qorti tqis ukoll it-tieni aggravju.*

*17. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn ċaħdet l-eċċezzjoni ta' res iudicata u tħassarha fejn laqgħet l-eċċezzjoni illi l-provvediment tat-30 ta' Marzu 2017 huwa finali, u, minflok, tiċħad dik l-eċċezzjoni; tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex jitkompla s-smigħ.*

Illi b'hekk ninsabu fejn ninsabu;

Illi permezz ta' nota tad-9 ta' Gunju 2025, ir-rikorrenti esprimew ix-xewqa "***illi jagħmlu xi provi attinenti għar-rikors, għaliex l-fatti ex post ir-Rikors u d-digrieti preċedenti jkomplu, fil-fehma tagħhom, isaħħu l-fondatezza tal-pożizzjoni tagħhom***".

Illi r-rikorrenti jelaboraw fuq din it-talba fin-nota tagħhom tal-10 ta' Ġunju 2025 meta jgħidu "***illi l-esponenti mhux qed jippretendu illi jintroduċu provi fuq il-passat. Jixtiequ juru, għal valutazzjoni tal-Qorti, illi eventi sopravenjenti u sussegwenti ivvalidaw u ppruvaw dak li kienu qed igħidu u jallegaw fir-rikors tagħhom***."

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi l-Qorti qegħda għalhekk preżenzjalment tiddegreta dwar kif għandha tiġi stradata l-kawża mhux biss in vista tad-diverġenza fil-ħsieb fir-rigward bejn il-partijiet, iżda ukoll fil-kuntest tat-talba għall-provi ġodda illi r-rikorrenti jridu jressqu kif hawn fuq espress.

Illi fi kliem ir-rikorrenti – u l-partijiet l-oħra jikkondividu dan il-ħsieb – "*din hija materja ġdida, kif jingħad uncharted u unchartered u li allura l-Qorti għanda diskrezzjoni wiesgħa fl-interess tal-verita' u l-ġustizzja illi tagħżel li tisma' l-provi li jidhrilha u tagħti lil dawn il-provi il-piż li tqis xieraq, soġġett dejjem għar-regoli tal-proċedura u l-liberu konvinciment ta' din l-Onborabblli Qorti*".

Illi l-Qorti dak li ser tfittex illi tagħmel b'dan id-digriet - li tuża d-diskrezzjoni tagħha sabiex tistrada din il-kawża bl-aħjar

mod possibbli sabiex tissodisfa x-xewqa tagħha illi bl-aħjar abilita' tagħha tagħmel ġustizzja.

Illi biex tagħmel dan, il-Qorti ser iżżomm prinċiplament quddiem għajnejha, (a) dak li trid il-liġi, (b) dak li qalet il-Qorti tal-Appell u (c) it-termini mposti fuq il-Qorti mir-rikors promotur u r-risposti għalih.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Il-Qorti tqis illi l-**Artikoli 558 et seq tal-KAP 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jridu illi *kull prova għandha tkun rilevanti għall-kwistjoni fil-kawża bejn il-partijiet* u *l-qorti għandha tiċħad li tinġieb kull prova li jidhrilha li mhix rilevanti jew li hija żejda, jew li jidhrilha li mhix l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib.*

Tqis ukoll illi għandu mis-sewwa dak li jsostnu l-intimati meta jgħidu illi l-Qorti tal-Appell, bis-sentenza tagħha, għamlet żewġ affarijiet principali, ossia':

(a) kkonfermat illi hawnekk il-kwistjoni tittratta biss dwar id-digriet relattiv għad-deċiżjoni meħuda fil-kuntest tal-Artikolu 402 tal-KAP 386, allura dak tat-30 ta' Marzu 2017 u mhux ukoll dak tas-6 ta' Mejju 2023, u;

(b) illi l-eżami li jrid isir minn din il-Qorti, ġjaladarba l-eżami dwar l-impunjazzjoni fil-parametri elenkati fis-sentenza appellata tal-21 ta' Marzu 2025 (tħaris tar-regoli tal-ġustizzja naturali, u/jew aġir ultra jew extra petita da parti tal-ġudikant) saru diġa', huwa limitat biss għall-mertu.

Tqis ukoll illi mkien ma jingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell illi din il-Qorti għandha neċessarjament tisma' provi ġodda.

Tqis ukoll illi bl-istess mod illi l-Qorti tal-Appell ddegretat fit-12 ta' Ottubru 2023 illi għall-finijiet tal-Appell, ma kienx meħtieġ illi jitressqu provi ġodda – hekk ukoll għall-finijiet tal-eżami illi jsir minn din il-Qorti, mhux meħtieġ illi jinstemgħu provi ġodda.

Finalment, il-Qorti tqis ukoll illi r-rikorrenti jistqarru fir-rikors promotur tagħhom illi "***kienu jistennew risposta u reazzjoni ferm aktar robusta u immaġinattiva mill-Qorti. Ibda biex, il-Qorti spezzettat l-issues u injorat ħafna minnhom u ukoll, ma rnexxiliex tħares lejn kwadru wieħed u holistiku***". Il-Qorti għalhekk għandha għalfejn tifhem illi l-ilment/i tar-rikorrenti jikkonċernaw il-mod kif din il-Qorti diversament preseduta evalwat u kkunsidrat il-mertu tal-kawża (642/2012) skont il-provi li kellha quddiemha f'dan l-isfond u kwindi jsir irrelevanti il-produzzjoni ta' provi ġodda.

Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet għalhekk, il-Qorti ma tqis illi huwa neċessarju illi għall-aħjar eżami li jrid isir fil-mertu ta' dawn l-imsemmija proċeduri, illi jinġiebu provi ġodda, aktar u aktar, meta tali provi jirrelataw għal fatti *ex post* ir-Rikors u d-Digriet mpunjat.

Il-Qorti tqis għalhekk illi dak li jinħtiġilha tagħmel hawnhekk huwa, mhux il-funzjoni ta' Qorti tat-tieni grad, iżda illi tgħarbel jekk, fil-mertu tal-kawża 642/2012, u allura bil-provi hemmek miġjuba, hemmx raġunijiet tajba biżżejjed, bħal difett jew raġunijiet gravi għaliex, fid-diskrezzjoni ta' din il-Qorti, id-digriet hemmek mogħti fit-30 ta' Marzu 2017 jiġi revokat

*contrario imperio* u konsegwentament jintlaqgħu t-talbiet hemmek magħmula u jiġu miċħuda d-difiżi hemmekk mogħtija mill-intimati, u dan kollu fl-isfond u fil-kuntest tal-lanjanzi mressqa mir-rikorrenti fir-rikors odjern u d-difiżi hawnhekk mogħtija, mingħajr ma, fl-aħjar abilitajiet tagħha, sservi ta' grad ta' appell jew tagħmel apprezzament hi tal-provi hemmhekk imressqa.

**GĦALDAQSTANT**, il-Qorti, wara illi rat it-talbiet magħmula, rat is-sottomissjonijiet magħmula kif mitlub, rat l-atti kollha u għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha, qed tgħaddi sabiex:

1. **Fl-ewwel lok,** tiċħad it-talba tar-rikorrenti et illi jressqu provi ġodda u konsegwentament tiddikjara illi ma hemmx provi x'jitressqu f'dawn il-proċeduri, għajr għall-atti nfushom, inkluż l-atti tal-kawża 642/2012JZM.

2. **Fit-tieni lok,** tidderiġi lill-partijiet kollha sabiex sal-aħħar ta' Ottubru 2025, huma jippreżentaw fir-Reġistru tal-Qorti nota bi kwalsiasi sottomissjonijiet finali illi jixtiequ jagħmlu fil-kuntest ta' dak li ġie hawn deċiż, bin-notifika lid-difensuri l-oħra anke b'mezzi elettroniċi, sabiex ikun assikurat illi **<u>kull</u>** difensur ikollu kopja tan-noti kollha ppreżentati bi preparazzjoni għas-seduta li jmiss.

3. **Fit-tielet lok,** tordna illi fis-seduta illi jmiss issir kwalsiassi sottomissjoni verbali ili d-difensuri jħossu neċessarju bil-għan illi wara s-seduta tal-24 ta' Novembru 2025, il-kawża titħalla għad-deċiżjoni.

4. **Fir-raba' lok** tordna illi kopja ta' dan id-digriet jiġi inserit fil-proċeduri **340/2017/1** li qed jitqiesu flimkien ma' din il-

proċedura u liema proċeduri jinsabu differiti għall-istess data ta' din l-odjerna proċedura.

5. **Fil-ħames lok**, tordna l-komunika mingħajr dewmien ta' dan id-digriet lid-difensuri kollha tal-partijiet.

B'hekk, in linea ma' dak verbalizzat waqt is-seduta tas-16 ta' Gunju 2025, il-Qorti qegħda b'dan id-digriet mogħti *in camera*, illum l-Erbgħa 30 ta' Lulju 2025, tistrada dawn l-odjerni proċeduri.

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**